*PROFIL TA' PERSONAĠĠ MAGĦRUF:*

# DOTTOR ENRICO MIZZI (1885 - 1950)

*kitba ta' **Lino CUSCHIERI***



Kienu ħafna l-Maltin, qalbiena u patrijotti, li sofrew kemm fiżikament kif ukoll moralment biex Malta fl-aħħar mill-aħħar setgħet tissodisfa l-aspirazzjonijiet politiċi tagħha. Kien hemm ukoll oħrajn li batew mhux ftit biex jiġi mħares kif jixraq il-wirt u l-patrimonju storiku u kulturali ta' pajjiżna.

DOTTOR ENRICO MIZZI, jew kif kien popolarment magħruf, NERIK MIZZI, kien ċertament wieħed minn dawn il-figuri prominenti li għex u ħadem kemm felaħ f'uħud mill-mumenti l-iktar diffiċli ta' l-istorja ta' pajjiżna. Fil-ħajja politika tiegħu, żgur li kellu avversarji daqskemm kellu ħafna ħbieb, għal ħafna oħrajn kien ukoll meqjus bħala bniedem kontroversjali, iżda wara li wieħed jiżen iċ-ċirkostanzi kollha li fihom huwa għex u janalizza ħajtu fil-konfront ta' oħrajn kontemporanji tiegħu, isib li l-onesta` u l-irġulija tiegħu magħġuna mal-konsistenza ta' ħsibijietu u l-maturita` politika tiegħu, sawwru fih personalita` mill-aktar prominenti fil-ġrajja tat-taqtigħa bla waqfien tal-poplu Malti biex jikseb darba għal dejjem id-dritt sagrosant li jkun kmand tiegħu innifsu f'pajjiżu.



*Dr. Enrico Mizzi - (1885 - 1950)*
*(ritratt: P.E.G. Picture Library)*

Il-karattru, il-ħajja u l-attivita` tiegħu huma marbutin intimament mat-trobbija tiegħu fi ħdan familja li dejjem gawdiet popolarita` fil-ħajja politika ta' pajjiżna. Biżżejjed ngħidu li missieru, Dottor Fortunato Mizzi, kien ferm attiv fil-politika matul is-snin tmenin tas-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu għoxrin. Huwa kien ukoll il-fundatur tal-*Partito Nazionale* li minnu tnissel il-Partit Nazzjonalista, u għaldaqstant, Nerik Mizzi, imwieled u mrawwem f'dan l-ambjent, kienet għalih ħaġa naturali li huwa jiret dan il-ġibda qawwija biex jinvolvi ruħu b'mod assolut fil-ħajja politika ta' art twelidu.

Biex wieħed jifhem aħjar il-karattru u l-imġieba ta' Nerik, huwa tabilħaqq importanti li nagħtu ħarsa ħafifa lejn il-ħajja u s-sehem li kellu missieru Fortunato fil-ħajja politika ta' żmienu għaliex dan jgħin ħafna biex naraw f'dawl aħjar u napprezzaw aktar il-fehmiet u l-aġir kif ukoll il-bixra politika ta' Nerik fil-kwadru tal-ġrajja ta' Malta matul l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin.

Fortunato kien avukat illawrjat mill-Universita` Irjali ta' Malta. Nistgħu ngħidu li huwa għex u miet fqajjar, jikkumbatti u jiddefendi kemm bil-kelma kif ukoll bil-pinna d-drittijiet ta' art twelidna. Huwa kien ħa sehem attiv ħafna f'bosta delegazzjonijiet li ssottomettew diversi petizzjonijiet u talbiet lill-Gvern Ingliż rigward ir-riformi kostituzzjonali. Fis-sena 1883, huwa waqqaf il-ġurnal "*Malta*" u fl-istess żmien, kellu f'idejh ukoll it-tmexxija tal-ġurnal "*Risorgimento*". Kien magħruf bħala kelliem ta' konvinzjoni kbira kemm fil-*meetings* politiċi kif ukoll waqt id-dibattiti fil-Kunsill tal-Gvern. Kien magħruf ukoll bħala ħaddiem

ħabrieki u ġeneruż, kien iġib rispett sinċier għall-avversarji tiegħu u l-fehmiet tagħhom, u fuq kollox kien kattoliku ferventi u prattikanti. Ta' min jgħid li f'Diċembru tal-1922, kienet saret ċerimonja ta' tifkira meta Dr. Filippo Sceberras, President tal-Kumitat promutur, kixef lapida tal-irħam u bronż fuq il-faċċata tad-dar numru 15/16, Triq Zekka, l-Belt, fejn twieled, għex u miet il-patrijott Fortunato Mizzi. F'din id-dar illum insibu l-kwartieri ġenerali u l-uffiċini tal-Moviment Azzjoni Soċjali, li twaqqaf u tmexxa minn iben Nerik innifsu, Mons. Fortunato Mizzi.

Nerik Mizzi twieled il-Belt Valletta fl-20 ta' Settembru 1885, iben Fortunato u Marija Sofia xebba Folliero de Luna, imwielda Marsilja fi Franza, minn familja mxerrda fi Spanja, Franza u l-Italja. Hu ħa l-edukazzjoni sekondarja tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex li f'dik il-ħabta kien immexxi mill-Ġiżwiti. Sakemm daħal hemm, huwa kien jgħix fil-Belt Valletta, infatti huwa twieled u trabba fi Triq Zekka.

Fl-1903, beda l-istudji tiegħu fix-Xjenzi u fil-Letteratura fl-Universita` ta' Malta. Fl-1906, wara li temm b'suċċess il-kors sħiħ ta' tlett snin f'Malta, u peress li kellu xi diffikulta` ta' xeħta politika mal-professur tal-Ingliż, huwa mar jistudja l-ġurisprudenza fl-Universita` ta' Ruma u imbagħad, kien kiseb il-permess meħtieġ biex seta' jkompli l-istudji tiegħu fl-Universita` ta' Urbino minn fejn huwa kiseb id-Dottorat fil-Liġi fl-1911.

Matul il-kors fl-Italja, kien attiv ħafna f'bosta inizjattivi fost l-istudenti sħabu. Fl-istess waqt huwa ddistingwa ruħu l-aktar fil-ġurnaliżmu, u kien jikteb f'diversi ġurnali u rivisti u kien ukoll il-korrispondent tagħhom għal Malta. Infatti, fl-okkażjoni tal-laqgħa li kienet saret hawn Malta f'Mejju fl-1912, bejn Asquith, Churchill u Kitchener, id-direzzjoni tal-ġurnal *"Mattino"* ta' Napli, kienet bagħtet lil Nerik f'Malta bħala korrispondent speċjali tagħha.

Huwa ġie lura Malta f'Lulju 1912, fejn mill-ewwel issottometta ruħu għall-eżami meħtieġ biex jiġi mogħti l-*warrant* biex seta' jipprattika l-professjoni tiegħu bħala avukat. Iżda bħala avukat, ftit li xejn ħadem għaliex aktar ħassu miġbud għall-ħajja politika u ġurnalistika. Waħda mir-raġunijiet li kien stqarr huwa stess ma' kollega tiegħu, kienet dik li ma kienx jinqala' biex jgħid jew juri ħaġa b'oħra. Għalih l-onesta` kienet l-ideal ta' ħajtu u huwa fatt assolut li biex kien jista' jattendi regolarment għal-laqgħat tal-Kunsill tal-Gvern, kien saħansitra jagħti l-ġenb lill-professjoni tiegħu. Għalih id-dmir lejn pajjiżu kien jiġi qabel l-interess personali tiegħu.

Ma' sħabu u ma' dawk kollha ta' madwaru, kien magħruf għall-memorja fenomenali li kellu, iżda b'danakollu huwa kellu wkoll id-drawwa li jikteb dak kollu li jgħaddi minn għalih biex meta jiġi l-bżonn, xorta waħda kien jirrikorri għal dak li jkun kiteb biex ma jgħidx kelma b'oħra u fl-istess ħin ma jkun jista' jmerih ħadd. Fil-ħajja pubblika tiegħu, dejjem mexa fuq l-eżempju li kien wiret mingħand missieru: ħajja l-ewwelnett ta' kattoliku ferventi u prattikanti, u fuq kollox, mogħni bl-onesta` u rispett sinċier lejn il-proxxmu tiegħu.

F'Novembru tal-1915, ħareġ għall-ewwel darba bħala kandidat għal Għawdex u bl-appoġġ tal-*Comitato Patriottico*, irnexxielu jikseb rebħa kbira. Mill-bidunett, il-karriera politika tiegħu kienet mimlija inkwiet u tiġrib peress li f'dawk iż-żminijiet, il-qagħda politika f'Malta kienet waħda diffiċli. L-amministrazzjoni governattiva kienet waħda rigoruża għall-aħħar, u kienet teżisti ċensura ħarxa kemm tal-kelma kif ukoll ta' l-istampa. F'dawk iċ-ċirkostanzi politiċi tassew skabrużi, għażel li jkun favur il-politika astenzjonista - politika passiva u ta' protesta kontinwa.

Fis-26 ta' Ġunju 1926, iżżewweġ lil Bice Vassallo, bint is-surmast magħruf Maestro Paolino Vassallo. Minn dan iż-żwieġ, twieled l-uniku iben, Fortunato, illum Mons. u fundatur tal-Moviment Azzjoni Soċjali.

Episodju ta' swied il-qalb iżda fl-istess waqt ta' importanza storika fil-karriera politika tiegħu, kien dak meta ġie pproċessat quddiem il-Qorti Marzjali li kien inżamm fil-*Garrison Library* li dak iż-żmien kienet ħdejn il-Barrakka ta' Fuq. Huwa kien ġie arrestat mid-dar tiegħu fis-7 ta' Mejju 1917 fuq akkuża ta' pubblikazzjonijiet allegatament sedizzjużi. Minkejja dan, qatt ma ġie mogħti l-fakolta` li jkun jista' jinterroga xi xhieda tal-prosekuzzjoni jew jipproduċi x-xhieda tiegħu jew jagħmel xi dikjarazzjoni biex jiddefendi ruħu.

Wara ħafna tentattivi, fil-15 ta' Mejju ta' l-istess sena, ngħata l-permess li jikteb lill-Gvernatur ta' dak iż-żmien, Field Marshall Lord Metheun, u lill-iskrivan tal-Kunsill tal-

Gvern biex jipprotesta kontra l-arrest tiegħu. Kien talab ukoll lill-awtoritajiet militari biex jiġi mogħti l-liberta` proviżorja fuq pleġġ, iżda din it-talba kienet ġiet miċħuda. L-ewwel seduta ta' dan il-proċess inżammet nhar it-Tnejn, 16 ta' Ġunju 1917. Bħala Avukat Difensur kellu lil zijuh stess, Dr. Lewis Mizzi.

Fatt tassew kurjuż iżda interessanti ħafna kien dak li matul iż-żmien li dam arrestat fil-*Barracks* ta' Verdala, waqt li kien għadu għaddej il-proċess fil-Qorti Marzjali, kienu offrewlu l-kariga ta' Imħallef - proposta li kienet ġejja mill-Gvern Kolonjali u li ċertament kienet tindika fiduċja fil-ħila legali tiegħu, imma minħabba motivi evidenti, huwa mill-ewwel irrifjuta l-offerta.

Il-gravita` ta' l-akkuża kellha titqies mill-fatt li f'każ li jinstab ħati u jiġi mogħti sentenza ta' xogħol iebes għal xi żmien u priġunerija għal aktar minn sena, kien ifisser, skond il-liġi, li ma kienx jista' jibqa' membru tal-Kunsill tal-Gvern, kien jitlef il-*warrant* li jipprattika bħala avukat, jiġifieri l-interdizzjoni mill-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu, u drittijiet oħrajn ċivili.

Wara li l-Qorti iltaqgħet għal sittax-il darba, fl-aħħar seduta miżmuma fl-10 ta' Awwissu 1917, skond il-verdett tal-Qorti Marzjali, kien ikkundannat għal sena ħabs mingħajr xogħol iebes. Iżda filwaqt li l-Gvernatur Methuen ikkonferma s-sentenza mogħtija, huwa biddel dik l-istess sentenza ta' ħabs għal waħda ta' "twissija serja" (*severe reprimand*)! Huwa ġie meħlus għal kollox fit-13 ta' Awwissu 1917 wara li kien ilu arrestat għal aktar minn tlett xhur fil-*Barracks* Militari ta' Verdala.

Fit-23 ta' Novembru 1918, kien ġie ppubblikat appell mill-patrijott Malti, Dr. Filippo Sceberras fejn wara li sejjaħ lill-poplu Malti għall-għaqda nazzjonali, għamel stedina lill-korpi kostitwiti kollha biex jibgħatu d-delegati tagħhom biex flimkien jifformulaw petizzjoni popolari favur id-drittijiet u l-aspirazzjonijiet kostituzzjonali tal-poplu Malti. B'dan l-appell twieldet l-Assemblea Nazzjonali li kellha bħala skop prinċipali li tfassal kostituzzjoni xierqa u liberali kemm tista' tkun għal Malta.

L-ewwel tweġiba għal dan l-appell ta' Sceberras kienet taċ-Ċirkolu *Giovine Malta* li kien mwaqqaf minn Nerik Mizzi u tiegħu kien ukoll president. L-ewwel laqgħa ta' l-Assemblea Nazzjonali nżammet f'dan l-istess Ċirkolu nhar il-25 ta' Frar 1919. Fost dawk preżenti, kien hemm Mons. Enrico Dandria, l-Avukat Ugo Mifsud, l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici, in-Nutar Salvatore Borg Olivier, l-Avukat Carlo Mallia - kollha personalitajiet li ħallew il-marka tagħhom fi ħdan il-moviment patrijottiku Nazzjonalista Malti. It-Tabib Sceberras kien ġie magħżul President ta' l-Assemblea filwaqt li Nerik ġie nominat u maħtur b'vot unanimu Segretarju.

It-tieni laqgħa nżammet fis-7 ta' Ġunju 1919, jum li fih seħħew bosta inċidenti li baqgħu jissemmew fl-istorja ta' pajjiżna u li dwarhom ġew miktubin u mxandrin diversi kitbiet li kulħadd qara u sama' bihom. Hawn ta' min jgħid li kien proprju Nerik Mizzi li kiteb il-proposti u r-rapporti kollha ta' l-Assemblea rigward il-Kostituzzjoni l-ġdida.

Wara dawn l-inċidenti tas-7 ta' Ġunju, il-Gvern Ingliż kien waqqaf Kummissjoni biex tistħarreġ u tinvestiga sewwa ċ-ċirkostanzi kollha li wasslu għal dak l-inkwiet. Saħansitra riedu jixlu lil Nerik bħala l-bniedem responsabbli ta' dak kollu li ġara. Ukoll l-avversarji politiċi tiegħu, riedu jixħtu dell ikrah fuqu li xewwex lill-poplu għal dik ir-rewwixta u fuq kollox, riedu jakkużawh ukoll bi żlealta` kontra l-Gvern Ingliż. Iżda x-xhieda mogħtija quddiem din il-Kummissjoni tat prova l-iktar ċara li dawn kienu kollha qlajjiet foloz intenzjonati biss biex Nerik jiġi skreditat u muri f'dawl ikrah u fl-aħħarnett, ġie ppruvat b'mod konvinċenti li huwa ma kellu x'jaqsam assolutament xejn ma' l-inkwiet li kien inqala.

Nistgħu ngħidu li dawk l-inċidenti, għenu ħafna biex Malta tingħata għall-ewwel darba dak li jissejjaħ *Self Government*. Infatti, fit-30 ta' April 1921, tħabbret il-Kostituzzjoni l-ġdida, magħrufa bħala l-*Milner-Amery Constitution*. B'hekk ġie introdott għall-ewwel darba f'Malta s-sistema ta' Dijarkija, jiġifieri l-amministrazzjoni governattiva ta' Malta tiġi kostitwita f'żewġ taqsimiet: waħda li tieħu ħsieb l-amministrazzjoni purament u esklussivament lokali bil-Parlament Malti, filwaqt li l-oħra kellha tħares l-affarijiet l-oħrajn hekk imsejħa materji riservati li jolqtu direttament lill-Gvern Imperjali bħalma huma s-sigurta` u d-difiża. Il-Parlament Malti kien jikkonsisti minn Assemblea Leġislattiva komposta minn 32 deputat elettiv u Senat magħmul minn 17-il membru. Iż-żewġ Gvernijiet kellhom poteri leġislattivi u esekuttivi.

Kien f'din il-ħabta li minn ħdan il-*Comitato Patriottico* nibtu żewġ partiti: l-*Unione Politica Maltese* mwaqqaf u mmexxi minn Mons. Injazju Panzavecchia f'Settembru 1920, u l-*Partito Democratico Nazionalista* mwaqqaf u mmexxi minn Nerik Mizzi f'Mejju 1921, ibbażat fuq it-twettiq ta' programm soċjali, ekonomiku u politiku ta' liberta`, ta' ġustizzja u ta' progress ispirat mill-prinċipji kattoliċi u tradizzjonali nazzjonali tal-poplu Malti.

Fil-15 ta' Lulju 1921, Nerik ippubblika għall-ewwel darba l-*Eco di Malta e Gozo* - l-organu uffiċjali u ta' importanza tal-partit tiegħu. F'dan iż-żmien, il-ħidma politika tiegħu kienet konċentrata biex issaħħaħ il-pedament tal-partit li kien imexxi. Fil-5 ta' Ottubru 1921, ġie msejjaħ l-ewwel kungress nazzjonali tal-Partit Demokratiku Nazzjonalista, fejn ġiet trattata l-kwistjoni importanti tan-nuqqas ta' ftehim bejn il-partit tiegħu u ta' Panzavecchia.

Fl-elezzjoni li saret biex jiġi elett l-ewwel Parlament Malti, l-erba' kandidati preżentati mill-partit tiegħu għal Għawdex ġew eletti kollha u naturalment kiseb is-siġġijiet kollha. Fl-1 ta' Novembru 1921, kien inawgurat l-ewwel Parlament Malti, u għal Nerik, barra l-attivita` politika u ġurnalistika, żdiedet dik parlamentari. Fit-18 ta' Awwissu 1924, kien ġie maħtur Ministru tal-Posta u Agrikoltura.

Fis-16 ta' Jannar 1926, wara ħafna tentattivi, fuq proposta u kundizzjonijiet magħmulin minn Nerik Mizzi innifsu, ingħaqdu iż-żewġ partiti, li wara kollox kellhom ideat fondamentali komuni bejniethom. Bis-saħħa ta' din l-għaqda, twaqqaf il-*Partito Nazionale*, li aktar tard beda jissejjaħ Partit Nazzjonalista. Kien ġie dikjarat li ser ikun kontinwazzjoni tal-partit mibdi minn Fortunato Mizzi u għandu jitmexxa u jħaddan l-istess prinċipji tiegħu. Nerik Mizzi nħatar mexxej tal-partit il-ġdid flimkien ma' Sir Ugo Mifsud, u baqa' jinsisti u jesiġi li jitmexxa bl-onesta` waqt li jistenna li kulħadd iwettaq id-dmirijiet tiegħu mingħajr ma joqgħod jaħseb fis-sagrifiċċji li dawn setgħu jiswewlhom.

Fl-elezzjonijiet tal-1927, kien reġa ġie elett membru fl-Assemblea Leġislattiva fl-akbar numru ta' voti mit-tmien distrett elettorali, Għawdex. Intant wara li nqalgħu diversi inċidenti bejn il-Gvern immexxi minn Strickland u d-Deputati tal-partit tiegħu, Malta reġgħet sabet ruħha fi kriżi politika. Fit-23 ta' Frar 1931, sabiex tistħarreġ is-sitwazzjoni f'Malta twaqqfet Kummissjoni Irjali - komposta minn Lord Asquith K.C.B. bħala Chairman, il-Konti de Salis K.C.M.G., C.V.O. u Sir Walter Egerton K.C.M.G. mentri bħala Segretarju nħatar Mr. A.W. Dawe B.A. mill-Uffiċċju Kolonjali.

L-ewwel seduta ta' din il-Kummissjoni Irjali nżammet fis-Sala ta' l-Arazzi fil-Palazz tal-Gvernatur, fil-Belt Valletta, nhar l-Erbgħa 22 ta' April 1931. Il-ħidma tagħha baqgħet sejra sat-18 ta' Ġunju ta' l-istess sena, saru erbgħin laqgħa pubblika fejn ġew intervistati 27 persuna kollha influwenti fil-qasam politiku lokali. Saru wkoll sbatax-il seduta *in camera* fejn ġew intervistati 17-il persuna oħra. Il-Kummissjoni rċeviet 'il fuq minn 470 memoranda u 50 riżoluzzjoni li ġew mibgħutin lilha minn kull sezzjoni tas-soċjeta` Maltija. Nerik xehed għall-ewwel darba fit-8 ta' Mejju 1931.

Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tagħha fil-bidu tal-1932, li fetaħ it-triq għall-elezzjoni, wara li kienet ipproponiet ir-restituzzjoni ta' l-awtonomija lil Malta. Fl-elezzjoni ta' dik is-sena, Nerik reġa ġie elett membru fl-Assemblea Leġislattiva bl-akbar numru ta' voti minn Għawdex. Nhar it-Tlieta, 21 ta' Ġunju 1932, ġie maħtur Ministru tal-Industrija u Kummerċ, u wara l-mewt tal-Mons. Enrico Dandria fit-3 ta' Lulju, ġie maħtur ukoll Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika.

Mill-kisba tal-Kostituzzjoni tas-*Self Government* fl-1921 'l quddiem, Nerik ħabrek kemm felaħ biex Malta setgħet tikseb ħelsien politiku akbar billi takkwista qagħda dinjituża fi ħdan l-Imperu Ingliż billi tiġi dikjarata *"Dominion"*. Id-Dominji kienu dawk it-territorji politikament l-aktar avvanzati fl-Imperu Ingliż, tant li fl-1931, l-Istatut ta' Westminster kien akkorda għarfien legali għall-independenza ta' dawn id-dominji.

Il-waqt opportun għalih wasal preċiżament wara r-rebħa elettorali li l-partit tiegħu kiseb fl-elezzjonijiet ġenerali tal-1932. Mingħajr dewmien, il-Prim Ministru Sir Ugo Mifsud mexxa delegazzjoni ministerjali li telgħet Londra biex tippreżenta t-talba ta' Malta għad-*Dominion Status*. Id-delegazzjoni kienet tinkludi lil Nerik Mizzi li issa kien Ministru fil-Kabinett, u l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici bħala membri u l-Avukat Carlo Mallia bħala Segretarju. F'wieħed mill-erba'

memoranda li ġew imressqa lill-Gvern Ingliż, kien hemm it-talba formali biex Malta tingħata minnufih id-*Dominion Status* fl-affarijiet interni.

Wara li kienet ġiet sospiża l-Kostituzzjoni, Nerik xorta baqa' jagħti sehmu fil-Kunsill tal-Gvern maħtur fit-2 ta' Settembru 1936, kif ukoll f'dak imwaqqaf taħt il-*Macdonald Constitution* fil-25 ta' Frar 1939.

Il-qagħda politika u militari fil-Mediterran u fl-Ewropa kienet waħda tassew imwiegħra għal ħabta ta' Settembru 1939 u aktar tard, kompliet tmur għall-agħar bid-dħul fil-gwerra ta' l-Italja f'Ġunju 1940. Din is-sena kienet waħda mimlija inċertezzi - l-Ewropa kienet bdiet iġġarrab gwerra oħra dinjija. Għal Malta, dawn kienu wkoll mumenti diffiċli li nisslu biża' u inkwiet kbir fost il-popolazzjoni kollha kemm hi, u forsi għal Nerik aktar minn ħaddieħor, għaliex l-Awtoritajiet Ingliżi, f'dawk iċ-ċirkostanzi ta' twegħir u fuq kollox mgħejjunin minn informazzjoni provduta minn diversi impjegati tal-Gvern lokali u dak imperjali, malajr xeħtu għajnejhom fuqu.

Il-Gvern Ingliż, li kien il-Gvern attwali ta' Malta f'dawk iż-żminijiet, kien beda jarresta u jinterna numru ta' nies li fl-opinjoni tiegħu kienu jħaddnu sentimenti favur l-Italja u li fil-fehma tiegħu setgħu joħolqu periklu għas-sigurta` interna ta' Malta. Għal ġieħ il-verita` storika, għandu jingħad li l-ebda wieħed minn dawk internati qatt ma ġie formalment akkużat b'imġieba kontra xi liġi partikolari li setgħet tiġġustifika l-internament jew arrest tiegħu, qatt ma tressaq quddiem xi tribunal u fuq kollox, qatt ma ngħata fakolta` biex jiddefendi ruħu. Barra minn hekk, fil-każ ta' Nerik Mizzi, jeżisti dubju serju jekk legalment setax ikun arrestat u internat peress li minħabba li kien membru fil-Kunsill tal-Gvern, allura huwa kien meqjus li jgawdi l-immunita` parlamentari.

Fid-29 ta' Mejju 1940, deher l-aħħar numru tal-ġurnal *"Malta"* li tiegħu kien editur. Dan il-ġurnal, li kien ħafna għal qalb Mizzi u li kien l-organu uffiċċjali meqjus bħala l-arma l-iktar qawwija tal-Partit Nazzjonalista, kien ġie sospiż mill-Awtoritajiet Ingliżi. Jum wara, għal ħabta tas-14.00, Nerik kien arrestat waqt li kien fl-uffiċċju tal-ġurnal tiegħu *"Malta"* f'numru 14, Triq Zekka, il-Belt Valletta. Għall-ewwel kien arrestat u internat flimkien ma' oħrajn fil-fortizza tas-Salvatur, iżda meta dan il-post intlaqat mill-bombi waqt il-ħbit tal-għadu, l-internati ttieħdu f'Kordin u lilu tawh ċella ta' dawk l-ikkundannati għall-mewt. Wara talba formali u medjazzjoni ta' l-Arċisqof Mons. Dun Mawru Caruana, l-internati ttieħdu f'Sant'Agata, r-Rabat, fejn damu sakemm ġew deportati fi Frar tal-1942.

Din id-deċiżjoni tal-Gvern Ingliż fil-fatt kienet tmur kontra l-jeddijiet l-iktar fondamentali tal-bniedem u taċ-ċittadini Maltin. Infatti anke fir-Regolamenti għall-Kolonji hemm speċifikament li l-ebda ċittadin ta' xi kolonja Ingliża ma seta' jiġi arrestat jew deportat minn pajjiżu minħabba l-konvinzjonijiet politiċi tiegħu.

Aktar tard issejħet laqgħa urġenti tal-Kunsill tal-Gvern bl-iskop li tgħaddi liġi biex tiġġustifika l-aġir tal-Gvernatur, li tagħtih is-setgħa li jiddeporta u jeżilja ċittadini Maltin. Iżda s-seduta baqgħet magħrufa għad-diskors tassew erojku u ta' kundanna assoluta lill-awtoritajiet responsabbli għal dan l-aġir deplorevoli dikjarat bħala wieħed *ultra vires*, jiġifieri illegali. Dan kien l-aħħar diskors li għamel Sir Ugo Mifsud, għax waqt li kien qed jiddefendi d-drittijiet taċ-ċittadini Maltin fil-konfront tal-prepotenza tal-Awtoritajiet Imperjali, kien ħassu ħażin u jumejn wara miet.

Id-deċiżjoni ta' l-arrest u l-internament kienet saħansitra ġiet kondannata wkoll mill-Qorti ta' Malta ppresjeduta mill-Onor. Imħallef Anthony J. Montanaro Gauci li għalkemm kien magħruf li jħaddan fehmiet kontra għax Stricklandjan, fit-8 ta' Frar 1942, wera kuraġġ kbir meta ta sentenza li tikkundanna għal kollox din id-deċiżjoni tal-Gvern Ingliż. L-għada stess issejħet laqgħa urġenti tal-Kunsill tal-Gvern biex tiġi approvata liġi li kienet tawtorizza lill-Gvernatur li jiddeporta u fl-istess ħin tneħħi lill-Qorti s-setgħa li ddewwem it-tluq ta' dawk li kellhom jiġu deportati. Hawn ta' min jgħid li kien Dr. Giorgio Borg Olivier l-uniku wieħed li kien ivvota kontra din il-liġi, peress li Nerik kien diġa' arrestat u Sir Ugo Mifsud kien diġa' miet.

Sentejn wara u preċiżament fit-12 ta' Frar 1942, il-Gverbatur Dobbie reġa għamel użu mill-poteri li ttih il-liġi, din id-darba r-*"Removal of Detained Persons Ordinance, 1942"* u ħareġ il-*warrant* biex Nerik jiġi immedjatament deportat lejn l-Uganda flimkien ma' 42 internat ieħor, fosthom 3 barranin. Erbgħa mill-lista oriġinali tħallew jibqgħu Malta

minħabba saħħithom: Salvatore Bartolo, William Borg, Albert Laferla u Albert Stilon. Magħhom insistew li jingħaqdu Lady Mercieca u bintha Lilian biex jakkumpanjaw lil Sir Arturo, għalhekk ġew inklużi fil-lista. Ta' min jgħid ukoll li din l-Ordinanza tad-deportazzjoni mgħoddija mill-Kunsill tal-Gvern kienet ġiet dikjarata invalida, għallinqas in parti, ukoll mill-Qorti ta' l-Appell.

Skond xhieda ta' min kien preżenti, Nerik ġarrab din il-firda kiefra mill-familjari tiegħu bl-akbar kuraġġ u rassenjazzjoni tant li kien ta' ispirazzjoni għal sħabu. L-imġieba tiegħu fl-Uganda kienet tabilħaqq edifikanti u ta' eżempju u għalkemm 'il bogħod minn Art Twelidu u mill-familja, xorta waħda baqa' sod fil-konvinzjonijiet politiċi tiegħu.

Kemm dam eżiljat, kien iżomm ruħu aġġornat mas-sitwazzjoni f'Malta. Baqa' jikteb regolarment kemm lill-membri tal-familja kif ukoll lill-kollegi tiegħu, Dr. Ġ. Borg Olivier u Dr. Giuseppe Schembri, li kien daħal fil-Kunsill minflok Sir Ugo Mifsud. Ta' min jinnota li l-korrispondenza kienet tiġi mgħoddija minn ċensura rigoruża, u apparti d-daqs tal-karti li kienu jippermettulhom biex jiktbu fuqhom, ċertu kliem kien jiġi wkoll imqasqas! Kien jikteb ukoll numru kbir ta' ittri u memoranda lis-segretarju tal-Istat tal-Kolonji u lill-Gvernatur ta' Malta l-iktar dwar il-qagħda prekarja ta' l-internati kif ukoll dwar is-sitwazzjoni politika f'Malta.



*Tim tal-futbol minn fost il-Maltin internati fl-Uganda fl-1942. Nerik Mizzi jidher f'nofshom.*

Il-ħajja fil-kamp ta' l-internament fl-Uganda ma kienitx waħda daqstant diffiċli għax kellhom ċerta liberta`, minkejja li kien hemm il-problema tas-saħħa. Infatti, bosta minnhom kienu mardu bil-malarja u mard ieħor, imma fortunatament ħadd minnhom ma miet. Madanakollu, l-akbar sagrifiċċju għalihom kien il-firda mill-familja u minn pajjiżhom.

Nerik kien miġjub u stmat ħafna fost sħabu tant li kien ġie magħżul bħala r-rappreżentant tagħhom. Li ried seta' kellu trattament preferenzjali bħalma kellhom Sir Arturo Mercieca flimkien ma' martu u bintu, u Mons. Alberto Pantalleresca, iżda huwa dejjem irrifjuta għax ried jibqa' ma' sħabu l-internati.

Fit-8 ta' Marzu 1945, l-aħħar grupp ta' internati reġa' lura Malta, fosthom Nerik, Sir Arturo Mercieca - eks-Prim Imħallef u President tal-Qorti, u Mons. Alberto Pantalleresco - id-Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral. Malli rritorna, Nerik mill-ewwel reġa ħa postu fl-attivita` pubblika u politika tiegħu fil-pajjiż, kemm bħala mexxej tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll bħala Membru fil-Kunsill tal-Gvern, fejn bil-personalita` persważiva tiegħu kien destinat biex mill-ġdid jerġa jiddomina x-xena politika ta' gżiritna. Infatti, fis-seduta tal-Kunsill fil-15 ta' Ġunju 1945, għamel wieħed mill-aqwa diskorsi tiegħu fejn ta tagħrif interessanti dwar l-esperjenza li ġarrab f'dak l-eżilju.

Fl-istess waqt, huwa beda jħabbrek ħafna biex jerġa jorganizza l-partit tiegħu li kien jidher f'periklu li jisfaxxa, l-aktar minħabba l-propaganda kontinwa min-naħa ta' l-istampa Stricklandjana li kienet tittimbra lill-partit ta' Mizzi bħala wieħed kontra l-interessi imperjali fil-pajjiż u favur ir-rabta ma' l-Italja, tant li kienu pinġewh bħala traditur. Dan kollu sar biex lilu u l-influwenza tiegħu jiġu mwarrbin għal kollox u meqruda darba għal dejjem mix-xena politika Maltija.

Meta l-Assemblea Nazzjonali taħt il-presidenza tal-Konti Prof. Luigi Preziosi żammet l-ewwel laqgħa tagħha fl-20 ta'

Jannar 1945, Nerik kien għadu fl-eżilju, minfejn kien bagħat bosta ittri lil dan il-Kungress fejn esprima l-opinjonijiet tiegħu dwar l-abbozz tal-kostituzzjoni l-ġdida. Hu reġa ħa postu quddiem nett f'din il-laqgħa mill-laqgħa tas-17 ta' Marzu 1945, u baqa' jieħu parti attiva ħafna mix-xogħol ta' dik l-Assemblea.

Hu kien ressaq diversi suġġerimenti u l-iktar wieħed importanti kien dak favur Kamra waħda u mhux tnejn, għax fil-fehma tiegħu s-Senat kien ifixkel ix-xogħol ta' l-Assemblea Leġislattiva. Hu ressaq ukoll il-mozzjoni dwar li r-Reliġjon ta' Malta kellha tkun ir-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana. Hu kien kontra s-sistema tad-Dijarkija, minħabba l-fatt li l-prinċipju kostituzzjonali ta' żewġ gvernijiet jaħdmu fl-istess post kien għal kollox inkompatibbli ma' dak ta' awtonomija sħiħa ta' gvern responsabbli.

Fl-4 ta' Jannar 1946, tħabbar li s-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji kien ħatar lil Harold MacMichael bħala Kummissjonarju Kostituzzjonali (li kien irċieva tlett memoranda mingħand Nerik), biex iżur Malta u jagħti parir lill-Gvern Ingliż rigward l-aħjar mod biex Malta tingħata gvern responsabbli.

Il-ħidma intensiva kontra Nerik u l-partit tiegħu kompliet tiħrax meta fl-1947 saru l-elezzjonijiet ġenerali skond il-kostituzzjoni l-ġdida. F'dan iż-żmien, hu kien mixli b'akkużi serji ħafna kontra l-integrita` politika tiegħu, speċjalment rigward l-imġieba tiegħu meta kien internat fl-Uganda. Saħansitra anke l-Gvernatur Francis Douglas stinka biex jinfluwenza u jikkonvinċi lis-Segretarju Kolonjali biex jippubblika xi dokumenti li kien bagħtlu huwa stess u li setgħu jinkriminaw lil Mizzi. Kien ukoll akkużat li fl-Uganda dejjem fittex l-interessi tiegħu qabel dawk ta' sħabu u li ried ibigħ il-ġurnal tiegħu *"Malta"* lil xi entita` taljana jew lil xi individwi taljani. Xlewh ukoll li kien jirġievi xi forma ta' sussidji jew għajnuna finanzjarja taħt forma ta' reklami għall-ġurnal tiegħu mingħand xi ditti taljani jew permezz ta' xi impjegati tal-Gvern Taljan.

Iżda mill-korrispondenza li Mizzi żamm ma' l-Awtoritajiet Ingliżi u minn xhieda mogħtija minn diversi kollegi tiegħu waqt kawża ta' libell imressqa minnu nnifsu, l-integrita` u l-irġulija tiegħu ġew konfermati bl-aktar mod konvinċenti. Veru li Nerik kellu imħabba kbira għall-kultura Taljana u simpatiji u ammirazzjoni ugwali lejn l-Italja, iżda fuq kollox, f'qalbu, f'moħħu u f'dak kollu li wettaq tul il-karriera politika tiegħu, kienet tiġi l-ewwel u qabel kollox Malta, art twelidu. Kien magħġun fit-tejorija u fil-prattika tad-demokrazija. Kien fidil lejn l-Ingilterra u l-Imperu Ingliż, iżda qatt servili. Kontra kull akkuża kontrih, hu baqa' dejjem sod u ġab ruħu ta' raġel onest u ta' integrita` assoluta.

Sas-1947, dejjem irrappreżenta lil Għawdex, li għall-familja tiegħu kellu tifsira u rabta partikolari. Kemm missieru Fortunato u hu, kienu twieldu l-Belt Valletta, iżda nannuh, il-Maġistrat Dr. Francesco Mizzi, u l-familja kollha, kienu Għawdxin. Ta' min jgħid li f'dawk l-elezzjonijiet u ta' wara, fl-1950, Nerik kien elett ukoll mill-ewwel distrett.

F'April 1950, kien ġie Malta Sir George Schuster, l-espert ekonomiku u finanzjarju, ħalli jistudja l-qagħda f'Malta. Minbarra l-intervista twila u kordjalissima ma' Sir George, Nerik bagħtlu ukoll memorandum dettaljat ħafna dwar il-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-pajjiż. Fl-elezzjonijiet tal-1947, il-partit ta' Mizzi kiseb appoġġ limitat minn fost il-poplu iżda kien jirrappreżenta kważi d-distretti kollha. Sadanittant ċerti elementi Nazzjonalisti kienu ifformaw partiti oħrajn, iżda mir-riżultat ta' l-elezzjoni tal-1950, il-partit tiegħu ħareġ rebbieħ, u fuq kollox, wassal lil Nerik Mizzi fil-quċċata tal-karriera politika tiegħu, għax ġie maħtur Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja fis-26 ta' Settembru 1950.

Bħala Prim Ministru wera maturita` politika u sens għoli ta' responsabbilta` tant li rnexxielu jikseb l-appoġġ ta' fehmiet oħrajn fil-Parlament. Matul il-ftit xhur li dam f'din il-kariga, ħalla l-impronta tiegħu fuq dawk li kienu jaħdmu miegħu speċjalment bil-ġentilezza u l-manjieri li kien jipprattika fil-kors tal-uffiċċju tiegħu. Dejjem mexa b'dinjita` u b'rettitudini assoluta impressjonanti għal dawk kollha f'kuntatti miegħu. Qabel ma miet, kellu s-sodisfazzjon li jara l-Auberge d'Aragon terġa ssir, fuq l-insistenza tiegħu, r-residenza uffiċjali tal-Prim Ministru ta' Malta kif kienet dejjem taħt Gvernijiet responsabbli sa' dak iż-żmien.

Nhar is-Sibt, 16 ta' Diċembru 1950, matul in-nofs ta' fil-għodu, huwa ħassu ħażin fl-uffiċju tiegħu u ġie meħud minnufih lejn id-dar privata tiegħu. Għamel kemm seta' biex jattendi għall-laqgħa ta' l-Assemblea Leġislattiva li kellha ssir it-Tnejn 18, iżda ma



*Dr. Enrico Mizzi (bil-kappell f'idejh) bejn Dr. Ettie Mizzi u Dr. Ġ. Borg Olivier quddiem il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann wara li ġie maħtur Prim Ministru ta' Malta fl-1950.*

ħallietux. L-aħħar kelmiet tiegħu fuq is-sodda tal-mewt kien diskors kollu konvinzjoni, kobor u imħabba u fuq kollox, fidi f'Alla u f'Art Twelidu. Tabilħaqq huwa meqjus bħala t-testment spiritwali tiegħu:

***"Nitlob maħfra 'l Alla għal dnubieti kollha. Jekk din hi l-volonta' ta' Alla, naċċetta fil-qalb il-mewt. Għidu lil kulħadd li għamilt dmiri u għandi kuxjenza kwieta li għamilt kollox għall-Patrija. Naħfer lil kulħadd, kif irrid li kulħadd jaħfer lili. Jiena ser immut, ser immut bil-kuxjenza trankwilla li fil-ħajja pubblika tiegħi jiena qatt ma nqast li nagħmel id-dmirijiet tiegħi."***
U lill-ibnu: ***"Ħu ħsieb il-mama'; ikkumbatti għar-Reliġjon u għall-Patrija".***

Nhar l-Erbgħa, 20 ta' Diċembru 1950, fil-5.15 a.m., tah attakk f'qalbu. Ftit wara, preċiżament fis-6.45, huwa miet. Kellu jassistuh fl-aħħar mumenti ta' ħajtu tlett Saċerdoti: Patri Pawl Spiteri - Provinċjal ta' l-Agostinjani, Dun Spir Sammut - Viċi-parroku tal-Parroċċa Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, u Patri Ġużepp Scalpello tal-Franġiskani Minuri mill-Knisja ta' Ġieżu. Magħhom kien hemm ukoll is-Sinjura Bice Mizzi, ibnu Fortunato, li dak iż-żmien kien għadu Seminarista, u l-Prof. Zammit Maempel.

Il-mewt tiegħu bħala Prim Ministru ġiet imħabbra uffiċjalment fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Erbgħa, 20 ta' Diċembru 1950. Il-kadavru tiegħu ttieħed fl-Auberge d'Aragon, ir-residenza uffiċjali tal-Prim Ministru u hemm kien *"lying in state"* biex il-poplu jkun jista' jmur jagħtih l-aħħar tislima. Minfloku, kien laħaq Dr. Ġorġ Borg Olivier bħala Prim Ministru.

Il-jum magħżul għall-funeral statali tiegħu, li jibqa' jissemma għall-kobor u d-dinjita' tiegħu, kien il-Ġimgħa, 22 ta' Diċembru 1950 - jum li skond ordni governattiva, kellu jitqies bħala jum ta' luttu nazzjonali. Imma l-aktar ħaġa li baqgħet tissemma' dwar dan il-funeral, ma kienetx il-pompa u kobor ċerimonjali jew il-manifestazzjoni grandjuża ta' luttu uffiċjali, iżda għad-dimostrazzjoni siekta u mimlija niket tal-poplu Malti li mar bi ħġaru filBelt biex jagħti l-aħħar tislima rikonoxxenti lil wieħed mill-aqwa ulied illustri ta' Art Twelidna. Kien wieħed mill-akbar li qatt saru f'pajjiżna, fejn attendew folol kbar minn kull klassi soċjali ta' Malta.

Fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Gvernatur assista għall-Quddiesa Funebri, filwaqt li l-Maġġur Walter Bonello kien preżenti bħala rappreżentant tal-Prinċipessa Elizabetta. Mons. Alberto Pantalleresco - Dekan tal-Kapitlu Metropolitan, iċċelebra l-quddiesa filwaqt li Mons. Arċisqof assista mit-Tron. Kienet indaqqet il-Quddiesa tas-Surmast Paolino Vassallo, missier is-Sinjura

Bice Mizzi, filwaqt li l-kant kien tmexxa minn Patri Albert Borg ta' l-Agostinjani.

Fil-Korteo funebri ħadu sehem tlett baned: dik tal-Korp tal-Pulizija, is-Soċjeta` Filarmonika Nazzjonali La Vallette, u l-Banda Ċittadina King's Own. L-Arċidjaknu Mons. Apap Bologna mexa quddiem il-kadavru li kien merfugħ mill-istudenti u minn membri tal-Partit Nazzjonalista. It-truf tal-faldrappa kienu miżmuma minn tlett Ministri flimkien ma' Dr. Pawlu Boffa, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni.



*Rappreżentanti mill-Każini tal-Banda fil-funeral statali tal-Prim Ministru Nerik Mizzi.*

Wara l-membri tal-familja, imxew l-E.T. l-Gvernatur, l-E.T. Mons. Arċisqof, u l-Onor. Dr. Ġ. Borg Olivier. Imbagħad purċissjoni ma tispiċċa qatt sal-Bieb tal-Bombi ta' kapijiet,



*Sir Paul Boffa, Mexxej tal-Partit Laburista, flimkien mal-Perit Duminku Mintoff, fil-bidu tal-karriera politika tiegħu. (ritratt: Union Press)*

membri tal-Parlament, Imħallfin, Maġistrati, kapitalisti, professjonisti u rappreżentanti ta' l-Għaqdiet kollha ta' Malta. Ħadu sehem ukoll l-Ammiralli kollha f'Malta u l-Kapijiet kollha tas-Servizzi, kif ukoll il-Kaptani tal-bastimenti tal-Gwerra u l-Kurunelli tar-Riġmenti Ingliżi f'Malta flimkien ma' ħafna fizzjali oħrajn. B'ironija tad-destin, dawn kollha imxew wara l-bniedem li ħames snin qabel kienu eżiljawh fl-Uganda!

Dak inhar tal-funeral, il-Parlament iltaqa' fil-għaxija biex jiġi kommemorat, kif kien tabilħaqq xieraq, il-mejjet Prim Ministru NERIK MIZZI. Fost il-ħafna eloġji u apprezzamenti li saru minn bosta membri parlamentari, spikkat dik magħmula mill-Perit Dom Mintoff: "U Malta tiftakar lil Nerik Mizzi ... għall-fatt illi għalkemm sofra minn kollox, sofra d-deportazzjoni, sofra l-*Court Martial*, sofra l-insulti, sofra t-tradimenti, huwa qatt ma biddel l-opinjonijiet tiegħu imma baqa' ta' karattru sod, baqa' Malti, l-aqwa fost il-Maltin ... Nerik Mizzi kien avversarju nadif, li ma kienx jaf jobgħod ... ħalla patrimonju kbir lill-pajjiż ... huwa ħalla patrimonju ta' tbatija għall-ideal tiegħu, u aħna lkoll, naqblu u ma naqblux mal-politika tiegħu, għandna nammiraw il-fermezza tal-karattru tiegħu. Aħna lkoll għandna nkunu kburin li hu kien Malti ta' karattru, ta' fermezza, ta' tjubija .. li għandu jiġbed l-ammirazzjoni tad-dinja, għalkemm aħna żgħar. Nixtiequ li l-memorja tiegħu tiġi mfakkra mill-Maltin kollha billi jibqgħu jiftakru fih bħala bniedem onest u integru li kien lest biex jissagrifika kollox anke lilu nnifsu basta jsostni l-ideal tiegħu ... kif talab il-maħfra lilna, nitolbu wkoll il-maħfra lilu."

Biex il-memorja ta' Nerik Mizzi tibqa' reġistrata, fuq il-faċċata tad-dar fejn miet, numru 12, Triq San Ġwann, il-Belt Valletta, twaħħlet lapida kommemorattiva sena wara mewtu u fil-21 ta' Settembru 1964 - Jum l-Indipendenza, kien inawgurat monument dedikat lilu f'Misraħ San Ġwann, il-Belt Valletta.

Fl-aħħarnett, inġibu diversi siltiet mill-gazzetti ta' dak iż-żmien u minn diskorsi fil-Parlament waqt it-tifkira tiegħu:

*"Dr. Mizzi was a politician with undisputed integrity and an irreproachable private and family life" - **Times of Malta**, 21/12/50.*

"Kellu ħafna kwalifikazzjonijiet sbieħ - intelliġenza, qlubija, konsistenza, karattru ... ħadd qatt ma attakkah dwar dik li hi onesta` ... kien eżemplari bħala raġel tal-familja" - ***Il-Berqa**, 21/12/50.*

"Il-Prim Ministru, Dr. Enrico Mizzi, kien mhux biss wieħed mill-aħjar politiċi ta' Malta, iżda wkoll bniedem ta' onesta`, rettitudini u karattru l-iktar għoli. U ma dan trid iżżid is-sens profond ta' l-imħabba li kellu għar-Reliġjon" - ***Leħen is-Sewwa**, 27/12/50.*

*"The way he availed himself of the circumstances ... showed how deep was his statemanship. Quite sincerely we say that in his death, Malta has lost a politician whose steadiness should be a lesson to many" - **The Torch**, 21/12/50.*

Aħna nistgħu nistqarru b'wiċċna minn quddiem li huwa kien politiku ta' karattru qawwi li ħadem għall-poplu Malti bl-akbar sinċerita` ... minn dejjem kellna ammirazzjoni kbira lejn Nerik Mizzi li għall-prinċipji u l-ideali tiegħu ma kien jieqaf quddiem xejn u quddiem ħadd" - ***Is-Sebħ**, 21/10/50.*

"Nista' nixhed għal dik li hija integrita`, sinċerita` u tjubija u sens ta' ħbiberija ..." - ***In-Nutar Ġorġ Borg Olivier**, Prim Ministru, fis-seduta tal-Parlament tal-Ġimgħa 22/12/50.*

"Dejjem ammirajt l-onesta`, s-sinċerita` u t-tenaċita` li Dr. Mizzi wera dejjem għall-prinċipji politiċi tiegħu" - ***Dr. Pawlu Boffa**, Kap ta' l-Oppożizzjoni, fis-seduta tal-Parlament tat-22/12/50.*

***BIBLIJOGRAFIJA:***


1. *Ray BONDIN, **Deportation, 1942 - the internment and deportation of Maltese Nationalists**. Malta, Rama Publications, 1980.*
2. *Henry FRENDO, **Malta's quest for Indipendence - reflections on the course of Maltese History**. Malta, Valletta Publishing and Promotion Co. Ltd., 1989.*
3. *Henry FRENDO, **Party Politics in a Fortress Colony**: The Maltese Experience. Malta, Midsea Books, 1979. Maltese Social Studies No. 5.*
4. *Michael GALEA, Editur. **Nerik Mizzi, tifkiriet**. Malta, PIN Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1990.*
5. *Herbert GANADO, **Rajt, it-Tieni Ktieb, Malta Tinbidel 1933-1942**. Malta, 1974.*
6. *Herbert GANADO, **Rajt Malta Tibbidel, it-Tielet Ktieb, 1942-1955**. Malta, 1975.*
7. *L'Inchiesta della R. Commissione Britannica sulla situazione politica di Malta. Relazione stenografica della deposizione resa dall'Avv. Enrico Mizzi davanti alla Regia Commissione di Inchiesta nelle quattro sedute tenutesi dall-8 al 13 Maggio, 1931. Malta, 1931.*
8. ***Malta Royal Commission, 1931 - Minutes of Evidence**. Malta, Malta Government Printing Office, 1931.*
9. ***Malta Royal Commission, 1931 - Report; Cmnd. 3993**. London, His Majesty's Stationery Office, 1932.*
10. *Sir Arturo MERCIECA, **Le Mie Vicende**. Malta, 1947.*
11. *Sir Arturo MERCIECA, **The Making and Unmaking of a Maltese Chief Justice**. Malta, 1969.*
12. ***NERIK MIZZI - il-ħajja ta' patrijott Malti**. Pubblikat fl-okkażjoni tal-XXV Anniversarju mill-mewt tiegħu. Malta, 1975.*
13. *Joseph M. PIROTTA, **Fortress Colony: The final act, 1945-1964**. Volume 1: 1945-1954. Malta, Studia Editions, 1989.*
14. *Joseph M. PIROTTA, **Nerik Mizzi - il-Verdett ta' l-Istorja**. Malta, PIN Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1995.*
15. *Edgar G. SOLER, **The King's Guests in Uganda - from Internment to Indipendence, 1939-1964**. Malta, Lux Press, 1986.*
16. *Edgar G. SOLER, **Mizzi as I knew him**. In Maltese Review, No. 6, 1951; pp.7-17.*



**Ta' Ġulinu**

8, St. Joseph Street, Rabat Tel: 454379 / 456049

**Furniture, Fridges, Cookers, Presents, Fans, Household Goods**